

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 883/2009**tal-21 ta' Settembru 2009****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata u għal-laħam tal-buflu ffriżat**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996, dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-Iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-GATT XXIV.6 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 2(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 810/2008 ⁽²⁾ jalloka 5 000 tunnellata ta' ċanga mingħajr għadam koperta mill-kodiċijiet NM 0201 30 00 u 0206 10 95 għal qatgħat taċ-ċanga ta' kwalità għolja li jissodisfaw definizzjoni preċiża.
- (2) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil skont l-Artikolu XXIV.6 u l-Artikolu XXVII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifikazzjoni tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija tul il-proċess tal-ażeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾ (minn hawn 'il quddiem 'il-Ftehim), approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/718/KE ⁽⁴⁾, jipprovdi għal żieda ta' 5 000 tunnellata u l-inklużjoni tal-kodiċijiet NM 0202 30 90 u 0206 29 91 fil-kwota allokata skont l-

Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) No 810/2008. Il-Ftehim Temporanju se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2009.

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 810/2008 irid jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 810/2008, il-kliem introdutturju jinbidel b'dan li ġej:

"10 000 tunnellata ta' ċanga mingħajr għadam koperta mill-kodiċijiet NM 0201 30 00, 0202 30 90, 0206 10 95 u 0206 29 91 u li tissodisfa d-definizzjonijiet li ġejjin:"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Japplika mill-1 ta' Ottubru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni⁽¹⁾ ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 219, 14.8.2008, p. 3.⁽³⁾ Ara paġna 104 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.⁽⁴⁾ Ara paġna 104 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.